KUNSILL LOKALI - GHAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sebgha (7) Kunsill Lokali Ghaxaq

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Ghaxaq iltaqa' ghal Laqgha Straordinarja fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Hamis, 5 ta' Marzu 2015 fil-5:30pm.

**Preżenti.**

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Il-Vici Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Marianne Schembri |
| Segretarju Ezekuttiv | Is-Sinjura Fiona Said |
| Accountant | Is-Sur Patrick Caruana |

*Il-Kunsilliera is-Sinjura Rose Agius kien skuzata bl-approvazzjoni tal-Kunsill.*

Il-Laqgha Straordinarja tal-Kunsill inzammet b'din l-Agenda:

1. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sa Settembru 2014
2. Approvazzjoni tal-Estimi Annwali ghas-sena 2014

**Bidu tal-Laqgha:**

Il-Laqgha kellha tibda fis-7.00pm minhabba li l-Accountant tal-Kunsill kellu impenji ohra.

Il-Laqgha infethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Darren Abela.

1. **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sa Settembru 2014**

1.1. Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, ir-rapport Finanzjarju sa Settembru 2014 u stieden lill-Accountant tal-Kunsill sabiex jaghti spjegazzjoni ta' dan ir-rapport.

1.2. Wara spjegazjoni li inghatat mill-Accountant tal-Kunsill is-Sindku Darren Abela ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finazjarju sa Settembru 2014. Ir-Rapport Finanzjarju sa Settembru 2014 gie approvat unanimament mill-membri prezenti.

2. **Approvazzjoni tal-Estimi Annwali ghas-sena 2014.**

2.1. Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni l-Estimi Annwali ghas-Sena 2014. Is-Sindku stieden lill-Accountant tal-Kunsill sabiex jaghti spjegazzjoni.

2.2. L-Accountant tal-Kunsill ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-Figuri ta' *Refuse Collection* fejn jidher li bhala hlasijiet ghall-gbir ta' skart domestiku sar biss il-pagament ta' Jannar 2014. Il-kumplament tal-hlasijiet ma sarux u ghaldaqstant se jsir aggustament fil-figuri minhabba li dawn il-hlasijiet se jsiru fl-2015.

2.3. L-Accountant informa ukoll lill-Kunsill li kellu nieqes l-ammonti ta' Administration Fees minghand il-Kumitati Regjonali. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li kienet se tghaddihomlu immedjatament.

2.4. Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar l-ammonti tal-iskema tal-PPP li ghadhom ma thallsux u staqsa lill-Accountant tal-Kunsill jekk il-Figuri humiex fattibli u jekk Triq San Gorg kinitx inkluza fl-Estimi Annwali tas-sena ta' qabel.

2.5. L-accountant tal-Kunsill wiegeb li hu kien talab ghal diversi drabi lill-Awdituri tas-sena ta' qabel sabiex jaghtuh il-workings tal-PPP izda ma kienx inghata risposta dwar dan u rigward Triq San Gorg, l-Accountant wiegeb li l-figuri kienu inkluzi fl-estimi annwali tas-sena ta' qabel.

2.6. L-Accountant informa li il-Kunsill ibbenefika ammont ta' fondi wara li kien iddecieda li jnehhi l-iskips mil-lokalita u dan irrifletta tajjeb fl-ispiza tal-Kunsill

2.7. Wara din l-ispjegazzjoni, is-Sindku Darren Abela ippropona l-approvazzjoni tal-Estimi Annwali ghas-sena 2014 bl-aggustament tal-Figuri tar-Refuse Collection kif ukoll l-Ammonti pendenti minghand il-Kumitati Regjonali.

2.8. L-Estimi Annwali ghas-Sena 2014 gew approvati unanimament mill-membri prezenti bl-aggustamenti hekk kif imsemmija f'2.7

Il-Laqgha Staordinarja ntemmet fit-7.45pm

Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

ikkonfermati
Darren Abela
Sindku